

# Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 63

23 ta' Jannar 2020

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/94 tad-22 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 rigward il-kwoti tariffarji għal-laħam tat-tjur li jorigha mill-Ukrajna u li jidderoga minn dak ir-Regolament ta' Implantazzjoni għas-sena tal-kwoti 2020 ..... 1

#### DEĊIJONIJIET

- ★ Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/95 tat-22 ta' Jannar 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2016/2323 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹) ..... 6

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/94

tad-22 ta 'Jannar 2020

**li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 rigward il-kwoti tariffarji għal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Ukrajna u li jidderoga minn dak ir-Regolament ta' Implantazzjoni għas-sena tal-kwoti 2020**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swiegħ fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 187 tiegħi,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2145 (²), il-Kunsill, f'isem l-Unjoni Ewropea, approva ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u għall-preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim").
- (2) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 (³) jipprevedi l-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għall-importazzjoni fl-Unjoni tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Ukrajna.
- (3) Bi qbil mal-Ftehim, l-Unjoni se żżid b'50 000 tunnellata l-kwota tariffarja fuq il-laħam u l-ġewwieni li jittiekel tat-tjur li jkun frisk, imkessaħ jew iffriżat, u għal laħam ippreparat jew ippreżervat ieħor tad-dundjani u tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* li jikkonċerma il-kodiċċijiet tan-NM li jikkorrispondu man-numru tal-ordni 09.4273 stabbiliti fir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078.
- (4) Għaldaqstant jixraq li jiġi emendat ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 2015/2078 biex ikun iqis il-kwantitajiet tal-kwoti tar-rata tariffarja li se jkunu disponibbli skont il-Ftehim.
- (5) Il-Ftehim se jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2020. Għas-sena tal-kwoti 2020, il-kwantitajiet addizzjonal ta' prodotti tal-laħam tat-tjur bi kwota tariffarja li se jkunu disponibbli skont il-Ftehim iridu jiġu kkalkulati fuq bażi prorata u titqies id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Jenħtieġ li mill-perjodu tal-kwota li jibda fl-1 ta' Jannar 2021, ikunu disponibbli l-kwantitajiet annwali kollha tal-prodotti tal-laħam tat-tjur.
- (6) Il-kwantità addizzjonal ta' l-kwota għall-prodotti tal-laħam tat-tjur allokata lill-Ukrajna skont il-Ftehim jenħtieġ li tkun disponibbli sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, li hi l-1 ta' Frar 2020. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078, il-kwota għall-prodotti tal-laħam tat-tjur allokata għall-Ukrajna tigħi amministrata fuq bażi ta' kull tliet xħur.

(¹) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2145 tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 41).

(³) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 tat-18 ta' Novembru 2015 li jiftaħ u fih previst għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 63).

- (7) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078, il-perjodu tal-applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni huwa l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' qabel il-bidu ta' kull tliet xhur. B'hekk, għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2020, il-perjodu tal-applikazzjoni jkun digħi skada fid-data li jibda jseħħi il-Ftehim. Għaldaqstant jenħtieġ li l-ewwel sebat ijiem ta' Frar 2020 jiġi ffissati bħala perjodu addizzjonali għall-applikazzjoni tad-drittijiet tal-importazzjoni li jikkorrispondi mal-kwantità tal-kwota addizzjonali skont il-Ftehim għall-perjodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2020.
- (8) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078 jipprevedi li meta l-applikanti għad-drittijiet tal-importazzjoni jkunu qed iressqu l-ewwel applikazzjoni tagħhom għal sena tal-kwoti speċifika, iridu jippreżentaw il-provi li kwantità tal-prodotti tat-tjur li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM 0207, 0210 99 39, 160 231, 1602 32 jew 1602 39 21 ġiet importata minnhom skont id-dispożizzjonijiet doganali rilevanti ("il-kwantità ta' referenza") u li dawn il-provi jridu jkunu marbuta mal-perjodu ta' 12-il xahar li jintemm xahar wieħed qabel l-ewwel applikazzjoni tagħhom. Fid-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament, dawn il-provi tal-importazzjoni jippreċedenti jkunu digħi tressqu mill-applikanti li ppreżentaw l-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni f'Diċembru tal-2019 rigward kwart tal-kwantità oriġinali ta' 19 200 tunnella li saru disponibbli f'Diċembru tal-2019. Madankollu, il-kwantità annwali għas-sena tal-kwoti 2020 prevista fil-Ftehim hija ta' 65 033 tunnella. Għaldaqstant jeżisti r-riskju li l-provi li jressqu l-applikanti dwar id-drittijiet tal-importazzjoni jippreċedenti li kellhom f'Diċembru tal-2019 ma jkunux iqisu ż-żieda fil-kwantitajiet tal-kwoti previsti fil-Ftehim. Għalhekk jixraq li għal dawk l-applikanti li ppreżentaw il-provi tal-importazzjoni jippreċedenti f'Diċembru tal-2019, jinfetaħ perjodu addizzjonali għall-prezantazzjoni ta' provi addizzjonali ta' importazzjoni jippreċedenti.
- (9) L-Artikolu 3(4) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078 jistabbilixxi l-kwantità totali ta' prodotti li tista' tkopri applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni għal 25 % tal-kwantitajiet ta' referenza tal-applikant f'kull wieħed mis-subperi previsti fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament ta' Implantazzjoni. Biex jintuża qafas konsistenti għall-perjodu tal-applikazzjoni addizzjonali li nfetaħ b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan il-limitu jkun jaapplika wkoll għall-perjodu ta' applikazzjoni addizzjonali għad-drittijiet tal-importazzjoni li jikkorrispondu mal-kwantità addizzjonali tal-kwoti skont il-Ftehim għall-perjodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2020.
- (10) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078 jiġi emendat skont dan.
- (11) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jaapplika mid-data tad-dħul fis-seħħi tal-Ftehim. Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi b'urġenza.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### **Emenda għar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078**

L-Anness I tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

### **Derogi mir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078 għas-sena tal-kwoti 2020**

- B'deroga mill-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078, rigward il-kwota taħt in-numru tal-ordni 09.4273 stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implantazzjoni kif emendat mill-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, il-kwantità addizzjonali ta' 8 333 tunnelli għandha ssir disponibbli matul il-perjodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2020.
- B'deroga mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078, rigward il-kwota taħt in-numru tal-ordni 09.4273 stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implantazzjoni kif emendat mill-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, għall-perjodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2020, l-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni li jkopru l-kwantità addizzjonali msemmiija fil-paragrafu 1 għandhom jitressu fl-ewwel sebat ijiem ta' Frar 2020.
- B'deroga mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2078, dawk li applikaw għad-drittijiet tal-importazzjoni f'Diċembru tal-2019 jistgħu jippreżentaw provi addizzjonali tal-kwantità ta' prodotti tat-tjur li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM 0207, 0210 99 39, 160 231, 160 232 jew 1602 39 21 li importaw huma jew li ġew importati f'simhom skont id-dispożizzjonijiet doganali rilevanti waqt il-perjodu tal-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Ottubru 2019, b'dawk id-dati inklużi. Dawn il-provi addizzjonali tal-importazzjoni jippreċedenti għandhom jitressu fl-ewwel sebat ijiem ta' Frar tal-2020.

**Artikolu 3****Applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni li jitressqu fi Frar tal-2020**

Il-kwantità totali tal-prodotti koperti mill-applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni li jitressqu fi Frar tal-2020 skont l-Artikolu 2(2) ma għandhiex taqbeż il-25 % tal-kwantità ta' referenza tal-applikant. Għall-applikanti li ressqa l-provi addizzjonali fkonformità mal-Artikolu 2(3), il-kwantità ta' referenza għandha tiġi ddeterminata billi jitqiesu dawk il-provi addizzjonali.

**Artikolu 4****Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda jaapplika mill-1 ta' Frar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-22 ta' Jannar 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala ta' valur indikattiv biss, peress li l-applikabbiltà tal-arrangġamenti preferenzjali hija ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċijiet tan-NM. Meta jiġi indikati l-kodiċijiet tan-NM li kienu jintużaw qabel (il-kodiċijiet NM "ex"), l-użu tal-iskema preferenzjali jeħtieġ li jiġi ddeterminat abbażi tal-kodiċi tan-NM u tad-deskrizzjoni korrispondenti, meħudin flimkien.

Numru tal-ordni	Kodiċijiet tan-NM	Deskrizzjoni	Perjodu tal-importazzjoni	Kwantità f'tunnellati (piż nett)	Dazju applikabbi (fEUR/t)
09.4273	0207 11 30 0207 11 90 0207 12 0207 13 10 0207 13 20 0207 13 30 0207 13 50 0207 13 60 0207 13 70 0207 13 99 0207 14 10 0207 14 20 0207 14 30 0207 14 50 0207 14 60 0207 14 70 0207 14 99 0207 24 0207 25 0207 26 10 0207 26 20 0207 26 30 0207 26 50 0207 26 60 0207 26 70 0207 26 80 0207 26 99 0207 27 10 0207 27 20 0207 27 30 0207 27 50 0207 27 60 0207 27 70 0207 27 80 0207 27 99 0207 41 30 0207 41 80 0207 42 0207 44 10 0207 44 21 0207 44 31 0207 44 41 0207 44 51 0207 44 61 0207 44 71 0207 44 81 0207 44 99 0207 45 10 0207 45 21 0207 45 31 0207 45 41 0207 45 51 0207 45 61 0207 45 81 0207 45 99	Laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur, frisk, imkessaħ jew iffriżat; laħam ieħor, ippreparat jew ippreservat, tad-dundjan u ta' tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i>	Sena 2020 Mill-2021	65 033 70 000	0

Numru tal-ordni	Kodiċijiet tan-NM	Deskrizzjoni	Perjodu tal-importazzjoni	Kwantità f'tunnellati (piż nett)	Dazju applikabbi (f'EUR/t)
	0207 51 10 0207 51 90 0207 52 90 0207 54 10 0207 54 21 0207 54 31 0207 54 41 0207 54 51 0207 54 61 0207 54 71 0207 54 81 0207 54 99 0207 55 10 0207 55 21 0207 55 31 0207 55 41 0207 55 51 0207 55 61 0207 55 81 0207 55 99 0207 60 05 0207 60 10 ex-020760 21 <sup>(1)</sup> 0207 60 31 0207 60 41 0207 60 51 0207 60 61 0207 60 81 0207 60 99 0210 99 39 1602 31 1602 32 1602 39 21				
09.4274	0207 12	Il-laħam u l-ġewwieni li jittiekel tat-tjur, mhux imqatta' f'biċċiet, iffriżat		20 000	0

(1) Nofsijiet jew kwartijiet ta' farawni friski jew imkessħa.

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/95

**tat-22 ta' Jannar 2020**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2016/2323 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jeħtieġ li s-sidien tal-bastimenti jiżguraw li l-bastimenti li jkunu se jiġu riċiklati jkunu riċiklati biss f'faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti inklużi fil-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti ppubblikata skont l-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament.
- (2) Il-Lista Ewropea hija stipulata fid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 (²).
- (3) Il-Latvja għarrfet lill-Kummissjoni li faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (³) li tinsab fit-territorju tagħha ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. Il-Latvja pprovdiet lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha rilevanti għal dik il-faċilità biex tiġi inkluża fil-Lista Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li l-lista Ewropea tiġi aġġornata biex tinkludi dik il-faċilità.
- (4) Il-Litwanja għarrfet lill-Kummissjoni li faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (⁴) li tinsab fit-territorju tagħha ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. Il-Litwanja pprovdiet lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha rilevanti għal dik il-faċilità biex tiġi inkluża fil-Lista Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li l-lista Ewropea tiġi aġġornata biex tinkludi dik il-faċilità.
- (5) In-Netherlands għarrfu lill-Kummissjoni li faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (⁵) li tinsab fit-territorju tagħhom ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. In-Netherlands ipprovved lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha rilevanti għal dik il-faċilità biex tiġi inkluża fil-Lista Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li l-lista Ewropea tiġi aġġornata biex tinkludi dik il-faċilità.
- (6) In-Norveġja għarrfet lill-Kummissjoni li faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (⁶) li tinsab fit-territorju tagħha ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. In-Norveġja pprovdiet lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha rilevanti għal dik il-faċilità biex tiġi inkluża fil-Lista Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li l-lista Ewropea tiġi aġġornata biex tinkludi dik il-faċilità.

(¹) ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1.

(²) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 tad-19 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 119).

(³) "Galaksis N", Ltd.

(⁴) UAB Demeksa

(⁵) Sagro Aannemingsmaatschappij Zeeland B.V.

(⁶) ADRS Decom Gulen

- (7) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjonijiet skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 għal tliet faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (⁷) li jinsabu fit-Turkija biex jiġu inklużi fil-Lista Ewropea. Wara li vvalutat l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn li ngħataw jew li nġabru skont l-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tqis li l-faċilitajiet jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament biex iwettqu riċiklaġġ tal-bastimenti u biex jiġu inklużi fil-Lista Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li l-Lista Ewropea tiġi aġġornata biex tinkludi dawk il-faċilitajiet.
- (8) Il-Belġju u l-Portugall għarrfu lill-Kummissjoni li ġie estiż il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom lill-faċilità Belġjana u dik Portugiża ta' riċiklaġġ tal-bastimenti inklużi fil-Lista Ewropea (⁸). Għaldaqstant, jenħtieġ li d-data ta' skadenza tal-inklużjoni ta' dawk il-faċilitajiet fil-Lista Ewropea tiġi aġġornata biex tirrifletti dik l-estensjoni.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2016/2323 tiġi emenda skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2016/2323 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2020.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

(⁷) ÖGE GEMİ SÖKÜM İTH. İHR. TİC. SAN.AŞ.; Sök Denizcilik Tic. Ltd. Sti u EGE CELIK SAN. VE TIC. A.S.

(⁸) NV Galloo Recycling Ghent (BE) and Navalria - Docas, Construções e Reparações Navais (PT)

## ANNESS

## “ANNESS

**Il-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013**

## PARTI A

**Il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fi Stat Membru**

Isem il-faċilità	Metodu tar-riċiklaġġ	Tip u daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (¹)	Ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (²)	Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (³)
------------------	----------------------	---	--	--	---	---

**IL-BELĞU**

NV Galloo Recycling Ghent Scheepszatestraat 9 9000 Gent Il-Belġju Tel. +32 92512521 Posta elettronika: peter.wyn-tin@galloo.com	Laterali (irmiġġ fl-ilma), rampa	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 265 metru Wisa': 37 metru Pixka: 12,5-il metru		Approvazzjoni taċita, b'perjodu ta' rieżami massimu ta' 30 jum	34 000 (⁴)	fil-31 ta' Marzu 2025.
--	----------------------------------	--	--	--	------------	------------------------

**ID-DANIMARKA**

FAYARD A/S Kystvejen 100 DK-5330 Munkebo Id-Danimarka www.fayard.dk Tel. +45 75920000 Posta elettronika: fayard@-fayard.dk	Baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 415-il metru Wisa': 90 metru Pixka: 7,8 metri	Il-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti hija rregolata skont il-leġiżlazzjoni applikabbli u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Permess Ambjentali tas-7 ta' Novembru 2018 maħruġ mill-Municipalitāt ta' Kerteminde. Il-Permess Ambjentali jinkludi kundizzjonijiet għas-sighħat ta' operat, il-kundizzjonijiet ta' operat speċjali, l-immaniġġjar u l-ħżin ta' skart u kundizzjoni li l-attività trid titwettaq f'baċir imbattal mill-ilma.	Approvazzjoni taċita, b'perjodu ta' rieżami massimu ta' 14-il jum.	0 (⁵)	fis-7 ta' Novembru 2023.
--	--------------------------	---	---	--	-------	--------------------------

Isem il-faċilità	Metodu tar-riċiklaġġ	Tip u daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtoritā kompetenti (⁹)	Ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piżżejjed tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'did il-faċilità, espress bħala LDT (⁹)	Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (⁹)
Fornæs ApS Rolshøjvej 12-16 8500 Grenaa Id-Danmarka www.fornaes.dk Tel. +45 86326393 Posta elettronika: recycling@-fornaes.dk	Laterali, baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 150 metru Wisa': 25 metru Pixka: 6 metri GT: 10 000	Il-muniċipalità ta' Norddjurs għandha d-dritt li talloka l-iskart perikoluż ffaċilitajiet ta' akkoljenza approvati mil-lat ambjentali.	Approvazzjoni taċċita, b'perjodu ta' rieżami massimu ta' 14-il jum.	30 000 (⁶)	fit-30 ta' Ġunju 2021.
Modern American Recycling Services Europe (M.A.R.S) Sandholm 60 9900 Frederikshavn Id-Danmarka Sit web: <a href="http://www.modernamericanrecyclingservices.com/">http://www.modernamericanrecyclingservices.com/</a> Posta elettronika: kim@mars-eu.dk	Skal	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 290 metru Wisa': 90 metru Pixka: 14-il metru	Il-kundizzjonijiet li skonthom topera l-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti huma definiti fil-Permess Ambjentali tad-9 ta' Marzu 2018 maħruġ mill-Muniċipalità ta' Frederikshavn Il-muniċipalità ta' Frederikshavn għandha d-dritt talloka skart perikoluż lil faċilitajiet ta' akkoljenza approvati mil-lat ambjentali, kif stipulat fil-Permess Ambjentali għall-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti. Il-faċilità ma għandhiex taħżen skart perikoluż għal aktar minn sena.	Approvazzjoni taċċita, b'perjodu ta' rieżami massimu ta' 14-il jum.	0 (⁷)	it-23 ta' Awwis su 2023
Smedegaarden A/S Vikingkaj 5 6700 Esbjerg Id-Danmarka www.smedegaarden.net	Laterali, baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 170 metru Wisa': 40 metru Pixka: 7,5 metri		Approvazzjoni taċċita, b'perjodu ta' rieżami massimu ta' 14-il jum	20 000 (⁸)	fil-15 ta' Settembru 2021.

Isem il-faċilità	Metodu tar-riċiklaġġ	Tip u daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtoritā kompetenti (⁹)	Ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piżi tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (⁹)	Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (⁹)
Stena Recycling A/S Grusvej 6 6700 Esbjerg ID-DANIMARKA Tel. +45 20699190 Sit web: <a href="https://www.stenarecycling.dk/">https://www.stenarecycling.dk/</a> Posta elettronika: jakob.kristensen@stenarecycling.com	Baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 40 metru Wisa': 40 metru Pixka: 10 metri	Il-kundizzjonijiet li skonthom topera l-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti huma definiti fil-Permess Ambjentalital-5 ta' Ottubru 2017 maħruġ mill-Muniċipalità ta' Esbjerg. Il-muniċipalità ta' Esbjerg għandha d-dritt talloka skart perikoluż lil-faċilitajiet ta' akkoljenza approvati mil-lat ambjentali, kif stipulat fil-Permess Ambjentali għall-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti	Approvazzjoni taċċita, b'perjodu ta' rieżami massimu ta' 14-il jum	0 (⁹)	fis-7 ta' Frar 2024.
<b>L-ESTONJA</b>						
BLRT Refonda Baltic OÜ Kopli 103, 11712 Tallinn, l-Estonja Tel. +372 6102933 Faks: +372 6102444 Posta elettronika: refonda@blr.ee www.refonda.ee	Fil-wiċċ mal-moll u fil-baċir f'wiċċ l-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 197 metru Wisa': 32 metru Pixka: 9,6 metri GT: 28 000	Il-permess għall-iskart Nru L.JÄ/327249. Il-liċenzja tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż Nru 0222. Ir-Regoli tal-Port Vene-Balti, il-Manwal dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti MSR-Refonda. Sistema ta' Mmaniġġjar Ambjentali, Immaniġġjar tal-iskart EP 4.4.6-1-13 Il-faċilità tista' tirriċikla biss il-materjali perikolużi li għalihom għiet liċenzjata.	Approvazzjoni taċċita, b'perjodu ta' rieżami massimu ta' 30-il jum.	21 852 (⁹)	fil-15 ta' Frar 2021.
<b>SPANJA</b>						
DDR VESSELS XXI, S.L. Port of "El Musel" Gijon Spanja Tel. +34 630144416 Posta elettronika: abarre-do@ddr-vessels.es	Rampa għaż-żarmar	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 169,9 metru	Il-limitazzjonijiet huma inklużi fl-awtorizzazzjoni ambjentali integrata.	Approvazzjoni espliċita – L-awtoritā kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Harbour Masters Office	0 (⁹)	fit-28 ta' Luju 2020.

Isem il-faċilità	Metodu tar-riċiklaġġ	Tip u daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtoritā kompetenti (¹)	Ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (²)	Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (³)
		(Bastimenti b'daqs ikbar minn dan li waqt l-operat tagħhom ma jkollhomx riskju li jinqalbu jew inkella li r-rampa tagħhom ma tiċ-ċaqlaqx, skont ir-riżultat ta' studju tal-vijabilità d-dettal-jat)				
FRANZA						
Démonaval Recycling ZI du Malaquis Rue François Arago 76580 LE TRAIT Tel. + 33 769791280 Posta elettronika: patrick@demonaval-recycling.fr	Laterali, baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 140 metru Wisa': 25 metru Fond: 5 metri	Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali.	Approvazzjoni espliċita – L-awtoritā kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent	0 (²)	fil-11 ta' Diċembru 2022.
GARDET & DE BEZENAC Recycling /Groupe BAUDELET ENVIRONNEMENT – ĠIE MUG 616, Boulevard Jules Durand 76600 Le Havre Franza Tel. +33 235951634 Posta elettronika: infos@gardet-bezenac.com	Li jżomm f'wiċċ l-ilma u fl-iskal	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 150 metru Wisa': 18-il metru Fond: 7 metri LDT: 7 000	Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali.	Approvazzjoni espliċita – L-awtoritā kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent.	16 000 (³)	fit-30 ta' Diċembru 2021.

Isem il-faċilità	Metodu tar-riċiklaġġ	Tip u daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtoritā kompetenti (¹)	Ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piżi tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'did il-faċilità, espress bħala LDT (²)	Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (³)
Grand Port Maritime de Bordeaux 152, Quai de Bacalan - CS 41320 - 33082 Bordeaux Cedex Franza Tel. +33 556905800 Posta elettronika: maintenance@bordeaux-port.fr	Laterali, baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 240 metru Wisa': 37 metru Fond: 17-il metru	Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefetturali.	Approvazzjoni espliċita – L-awtoritā kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent.	18 000 (¹⁴)	fil-21 ta' Ottobre 2021.
Les Recycleurs bretons Zone Industrielle de Kerbriant - 29 610 Plouigneau Franza Tel. +33 298011106 Posta elettronika: navaleo@navaleo.fr	Laterali, baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 225 metru Wisa': 34 metru Fond: 27 metru	Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefetturali.	Approvazzjoni espliċita – L-awtoritā kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent.	5 500 (¹⁵)	fil-24 ta' Mejju 2021.
<b>L-ITALJA</b>						
San Giorgio del Porto S.p.A. Calata Boccardo 8 16128 – Genova – L-Italja Tel. +39 10251561 Posta elettronika: segreteria@sgdp.it; sangiorgiodelporto@legal-mail.it www.sgdp.it	Laterali, baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 350 metru Wisa': 75 metru Fond: 16-il metru GT: 130 000	Il-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet huma inklużi fl-awtorizzazzjoni ambjentali integrata.	Approvazzjoni espliċita	38 564 (¹⁶)	fis-6 ta' Ġunju 2023.

Isem il-faċilità	Metodu tar-riċiklaġġ	Tip u daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtoritā kompetenti (⁹)	Ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż-żgħiġi tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'did il-faċilità, espress bħala LDT (⁹)	Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (⁹)
<b>IL-LATVJA</b>						
A/S "Tosmares kuġubūvētava" Generāla Baloža street 42/44, Liepaja, LV-3402 Il-Latvja Tel. +371 63401919 Posta elettronika: shipyard@tosmare.lv	Laterali (irmiġġ fl-ilma), baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 165 metru Wisa': 22 metru Fond: 7 metri GT: 12 000	Ara l-permess nazzjonali Nru LI10IB0024.	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	0 (¹⁷)	fil-11 ta' Ġunju 2020.
"Galaksis N", Ltd. Kapsedes street 2D, Liepāja, LV – 3414 Il-Latvja Tel. +371 29410506 Posta elettronika: galaksis-n@inbox.lv	Laterali (irmiġġ fl-ilma), baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 165 metru Wisa': 22 metru Fond: 7 metri GT: 12 000	Ara l-permess nazzjonali Nru LI12IB0053	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	0 (¹⁸)	fis-17 ta' Luuju 2024.
<b>IL-LITWANJA</b>						
UAB APK Minijos 180 (irmiġġ 133 A), LT 93269, Klaipėda, Il-Litwanja Tel. +370 46365776 Faks: +370 46365776 Posta elettronika: uab.apk@g-mail.com	Laterali (irmiġġ fl-ilma)	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Tul: 130 metru Wisa': 35 metru Fond: 10 metri GT: 3 500	Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-15/2015	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	1 500 (¹⁹)	fis-17 ta' Marzu 2020.

Isem il-faċilità	Metodu tar-riċiklaġġ	Tip u daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtoritā kompetenti (¹)	Ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piżżejk tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (²)	Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (³)
UAB Armar Minijos 180 (irmiġġi 127 A, 131 A), LT 93269, Klaipēda, Il-Litwanja Tel. +370 68532607 Posta elettronika: armar.uab@gmail.com; albatrosas33@gmail.com	Laterali (irmiġġ fl-ilma)	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (irmiġġ 127 A): Tul: 80 metru Wisa': 16-il metru Fond: 6 metri GT: 1 500 Dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (irmiġġ 131 A): Tul: 80 metru Wisa': 16-il metru Fond: 5 metri GT: 1 500	Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-16/2015 (irmiġġ 127 A) Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-51/2017 (irmiġġ 131 A)	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	3 910 (²⁰)	fis-17 ta' Mar zu 2020. (irmiġġ 127 A) fid-19 ta' April 2022. (irmiġġ 131 A)
UAB Demeksa Nemuno g. 42 A (irmiġġ 121), LT 93277 Klaipēda Il-Litwanja Tel. +370 63069903 Posta elettronika: uabdemeksa@gmail.com	Laterali (irmiġġ fl-ilma)	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastimenti: Tul: 58 metru; Wisa': 16-il metru; Fond: 5 metri; GT: 3500	Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-64/2019	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	0 (²¹)	fit-22 ta' Mejju 2024.
UAB Vakaru refonda Minijos 180 (irmiġġi 129, 130, 131 A, 131, 132, 133 A), LT 93269, Klaipēda, Il-Litwanja Tel. +370 46483940/46483891 Faks: +370 46483891 Posta elettronika: refonda@wsy.lt	Laterali (irmiġġ fl-ilma)	Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Dimensjonijiet massimi tal-bastimenti: Tul: 230 metru Wisa': 55 metru Fond: 14-il metru GT: 70 000	Ara l-permess nazzjonali Nru (11.2)-30-161/2011/TL-KL.1-18/2015	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	20 140 (²²)	fil-21 ta' Mejju 2020.

Isem il-faċilità	Metodu tar-riċiklaġġ	Tip u daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtoritā kompetenti (⁹)	Ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piżżejjed tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'did il-faċilità, espress bħala LDT (⁹)	Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (⁹)
IN-NETHERLANDS						
